# Kif kibret il-Parroċċa matul iż-żmien

## Minn Sandro Sciberras



Dokumentazzjoni dwar il-parroċċa ta' Birkirkara tmur lura għas-seklu 15. Nafu biċ-ċert infatti li Birkirkara kienet diġà parroċċa mill-anqas sal-1402. Ir-*Rollo* tal-Isqof de Mello tal-1436 jgħid li f'Malta kien hawn 10 parroċċi u Birkirkara kienet waħda minnhom. It-territorju parrokkjali tagħha kien estensiv ħafna għaliex kien jinkludi Ħ'Attard, Ħal Mann, Ħal Bordi, Ħal Balzan, Ħal Lija, San Ġiljan, tas-Sliema, il-Gżira, l-Imsida, tal-Pietà, Santa Venera u l-Ħamrun. Dawn l-irħula mbagħad bdew jinqatgħu u jsiru parroċċi separati għalihom sa minn tard fis-seklu 16. Birkirkara nnifsu huwa raħal antik ħafna, xhieda ta' dan huma numru ta' sejbiet arkeoloġiċi li saru matul iż-żmien. Barra minn hekk sal-lum għadhom jeżistu djar antiki ħafna, mtieħen tar-riħ, kappelli, żewġ torrijiet u bini ieħor ta' interess storiku.

L-inħawi fejn eventwalment żviluppat il-parroċċa ta' Santa Marija bdew jieħdu ċertu importanza fl-ewwel snin tas-seklu 16 meta nbniet it-tieni knisja parrokkjali ta' Birkirkara, dik li kien hemm qabel il-knisja preżenti. Din il-knisja kellha forma ta' T, u baqgħet il-knisja parrokkjali tal-parroċċa ta' Birkirkara għall-inqas sal-1618, meta x-xogħol fuq il-knisja preżenti jidher li kien mexa sew.

Waħda mir-raġunijiet għaliex il-knisja preżenti qatt ma daħlet f'qalb il-parruċċani ta' dak iż-żmien kien il-fatt li nbniet il-bogħod mill-qalba tar-raħal, sewwa sew f'parti ta' Birkirkara li kienet rurali u ftit li xejn abitata. Is-sitwazzjoni ġeografika u soċjali ta' dawn l-inħawi baqgħet hekk anke fis-sekli ta' wara, tant li l-ewwel żvilupp urban tal-massa f'dawn l-inħawi jmur lura biss għas-snin 60 tas-seklu 20.

Żewġ tpinġijiet, it-tnejn li huma tas-seklu 19, jagħtu indikazzjoni tajba ta' kif kienu jidhru dawn l-inħawi u l-knisja fl-ambjent rurali li fih inbniet. Waħda minnhom hija tar-Reverendu Fredrick David Markham u l-oħra ta' Michele Bellanti. It-tnejn li huma juru biċ-ċar il-knisja

mdawwra b'ħafna għelieqi, ftit irziezet u mitħna. Xhieda ta' dan huma xi binjiet antiki ħafna fi Triq Vittorio Cassar u numru mdaqqas ta' ġwiebi, hemm min jgħid li huma sebgħa, li jibdew minn qrib il-knisja u li jestendu sal-Wied.

Hekk kif wara t-Tieni Gwerra Dinjija, kien hawn bżonn kbir ta' djar minħabba ż-żieda drastika fil-popolazzjoni, fis-snin 60, l-urbanizzazzjoni laħqet lil dawn inħawi ukoll u beda tiela' l-ewwel bini modern madwar il-knisja nnifisha, fil-parti kbira minnhom djar kbar, sbieħ u spazjużi. L-abitanti l-ġodda kienu jridu jinqdew primarjament mill-knisja Parrokkjali ta' Santa Elena għall-ħtiġijiet spiritwali tagħhom u kien għalhekk, li wara snin kbar ta' abbandun u ħsara kbira, ġie deċiż li l-knisja ta' Santa Marija tiġi restawrata u miftuħa biex b'hekk tkun tista' tagħti servizz lin-nies li marru joqogħdu f'din iż-żona. Għaldaqstant ir-restawr tal-knisja huwa intrinsikament marbut mal-urbanizzazzjoni ta' din in-naħa ta' Birkirkara.

L-iżvilupp ma sarx f'daqqa. Parruċċani ikbar fiż-żmien jirrakkontaw kif kienu jgħaddu minn passaġġi qalb l-għelieqi biex imorru l-knisja u sas-snin 80, in-naħat ta' faċċata tal-akwedotti kienu għadhom ma nbnewx u aħna t-tfal, fost l-ewwel ġenerazzjonijiet li twelidna taħt id-dell tal-knisja li sellfet isimha dawn l-inħawi, konna nilagħbu u niġru bir-roti fil-passaġġi qalb il-ftit kampanja mhux mibnija li kien għad fadal. Minn dan kollu llum ma fadal xejn.

Il-parroċċa ta' Santa Marija llum tgħodd madwar 3,800 ruħ, miġbura f'madwar 1,000 familja. Hija komunità mħallta li tinkludi ħafna barranin ukoll. Dawk id-djar kbar u sbieħ li nbnew mhux tant żmien ilu bdew jitwaqqgħu u minflokhom jinbtu appartamenti tipiċi ta' żminijietna. Hija komunità parrokkjali li dejjem tinbidel, dawk li għexu l-ewwel snin ta' urbanizzazzjoni u li raw dawn l-inħawi jinbidlu totalment, ftit ftit qed iħalluna u flokhom, b'xorti tajba, ġew oħrajn li daqshom għandhom għal qalbhom il-parroċċa.

